**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A34-09

4 ta' Settembru 2009

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/34</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar l-**Erbgħa** 9 **t'Settembru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Approvazzjoni dwar Sejħa għall-offerti 001/2009 *Patching and Kerb Reinstatement Works*

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

24 ta' Settembru 2009

Ref Nru.Klg5/034

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/34 li saret l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Ian Micallef minħabba mpenn ta' safar fuq ħidma ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Malcolm Camilleri u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl- 4 ta' Settembru 2009.

**1. Approvazzjoni dwar Sejħa għall-Offerti 001/2009 *Patching and Kerb Re: Instatment Works***

**1.1.** Iċ-*Chairman* qal, li b'eżitu tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kunsill li saret it-Tlieta 1 ta' Settembru 2009, l-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2009 il-Kunsill flimkien mal-Perit Joe Bugeja iltaqa' mas-sottomettenti li ġew *short listed*, jiġifieri ma' *Poldiano Bros*, *J & K Contractors* u *Ell's Urban Services LTD*. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv tressaq ir-rapport mħejji (ara *Appendix* Nru 1), liema rapport jinkludi l-minuti tal-laqgħat mas-sottomettenti u r-rakkomandazzjoni mressqa minn dan il-Kumitat.

Filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qasmet kopja tar-rapport nfurmat, li l-Perit Joe Bugeja kien informa verbalment li hu qabel mar-rapport madanakollu, ma kienx bagħat ir-risposta bil-miktub minħabba li kellu ħsara fl-*email*.

**1.2.** Iċ-*Chairman* qal, li din is-sejħa għall-offerti ġiet mfassla bl-għan li tegħleb l-problemi li dan il-Kunsill iltaqa' magħhom meta kellu l-kuntratt mad-ditta Asfaltar LTD, u għalhekk, talab lill-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri jressqu l-kummenti tagħhom.

Minħabba l-fatt, li ħadt minn dawk preżenti ma ressaq ebda kumment, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard li s-sejħa għall-offerti 001/2009 *Patching and Kerb Re:instatment works* tintrebaħ mid-ditta *J & K Contractors LTD* għar-raġunijiet imsemmija fir-rapport tar-rakkomandazzjoni.

Iċ-*Chairman* talab lis-Segretarju Eżekuttiv tħejji l-*Letter of Acceptance* filwaqt li tirringrazzja u tinforma lis-sottomettenti l-oħra b'din id-deċiżjoni.

**1.3.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-5.45 p.m. u ġiet aġġornata għall-24 ta' Settembru 2009.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.<br>Sindku | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiiv |

Ref Nru K266/10/09

4 ta' Settembru 2009

**Minuti tal-laqgħat li saru l-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

Preżenti: Sindku Chris Bonett, l-Kunsillier Anthony Abela, s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit Joe Bugeja għan-nom tal-Kunsill Lokali.

Osservaturi - Viċi -Sindku Dunstan Attard u Joe Camilleri.

Minkejja l-fatt li l-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillier Joe Camilleri kienu osservaturi madanakollu s-Sindku Chris Bonett stiednihom jersqu l-kummenti tagħhom jekk ikun l-kaz.

**Materji Diskussi: Mistoqsijiet dwar Tender 001/2009 *Patching and Kerb Re:Instatement Works***

**Sur Paul Polidano o/b/o Polidano Bros LTD – 11.00 a.m.**

Is-Sindku Chris Bonett spjega r-raġuni l-għala ġiet msejħa din il-laqgħa, jiġifieri b'eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali li saret fl-1 ta' Settembru 2009, sar qbil mis-sottomettenti li għandu jkun *short listed* u li magħhom għandha ssir laqgħa sabiex il-Perit għan-nom tal-Kunsill Lokali jressaq il-mistoqsijiet li jħoss neċessarji qabel ma tiġi aġġudikata s-sejħa għall-offerti.

Għalhekk, is-Sindku stieden lill-Perit Bugeja jressaq il-kummenti tiegħu għan-nom tal-Kunsill.

Il-Perit spjega li n-natura ta' dan ix-xogħol kienet t'affarijiet żgħar iżda li jrid ikollhom *response time* immedjat għaliex dan hu fost l-aktar servizzi li jolqot direttament lir-residenti. Għalhekk, staqsa x'inhu r-*response time*, kemm għandu mpjegati, x'tip ta' makkinarju għandu, s-*supplier* ta' l-*asphalt* u l-*work method*.

Il-kuntrattur Paul Polidano qal, li l-*maximum response time* sabiex ikun jista' jimmobilizza kien ta' madwar 48 siegħa u fost id-diversi gajjijiet li jaħdmu miegħu, għandu gaj ta' nies li jaħdmu fuq dan ix-xogħol biss u għamel referenza għax-xogħlijiet ta' *patching* li saru riċentament f'din il-lokalita'. Il-kumpanija tiegħu għandha kull tip ta' makkinarju li jirrikjedi xogħol simili fosthom *self levelling pavers* kif ukoll, tissuplixxi

anke l-*asphalt*. Fir-rispett tal-*work method* hu spjega li l-*potholes* jitqattgħu, jitnaddfu, jingħata t-*tack coat* u jħalli x-xogħol joqgħod sabiex l-għada jingħata l-*asphalt*.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela li meta sar l-aħħar ix-xogħol tal-*patching* kellhom makkinarju wisq kbir għal din il-lokalita', s-Sur Polidano qal, li ċertu makkinarju jkollok bżonnu għaliex altre menti ma tkunx tista' tagħmel xogħol sew. Hu kompla jgħid, kif anke f'*patch* ta' 3m x 3m għandek bżonn *self levelling paver* u dik mibgħuta fil-lokalita' kienet l-iżgħar waħda. Hu żied jgħid, kif filwaqt li l-kumpanija tagħmel dan it-tip ta' xogħol madanakollu, ma' Kunsilli oħra, aktar mill-*patching* kien jagħmlu *resurfacing* a bażi tal-fondi allokati mill-Kunsill, liema xogħolijiet għandhom aktar *value for money* mill-*patching*.

Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar minn hu l-*contact person* f'każ ta' xogħlijiet simili, s-Sur Polidano wieġeb, li Ian Farrugia hu l-persuna responsabbli u kien disponibbli bħalma jaf il-Kunsill u fl-eventwalita' li ma tkunx tista' din il-persuna, l-Kunsill jrid jagħmel kuntatt direttament miegħu.

Il-Kunsill ikkonferma dak li kien għadu kemm qal is-Sur Polidano.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha tad-diskussjoni, l-Kunsill Lokali rringrazzja lis-Sur Polidano għan nom ta' *Polidano Bros*.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.40 a.m.

---

**Sur George Spiteri għan-nom ta' *J & K Contractors* - 11.45 a.m.**

Mill-ġdid is-Sindku ntroduċa s-suġġett lis-Sur Spiteri u stieden lill-Perit iressaq il-mistoqsijiet tiegħu.

Il-Perit ressaq l-istess mistoqsijiet lis-Sur Spiteri, jigifieri x'inhu r-*response time*, kemm għandu mpjegati, x'tip ta' makkinarju għandu, s-*supplier* ta' l-*asphalt* u l-*work method.*

Is-Sur Spiteri wieġeb li r-*response time* kien immedjat u dan jista' jagħmlu minħabba l-fatt, li hu għandu tmien impjegati miegħu u f'każ li jinqala' x-xogħol hu jieħu xi nies minn fuq lant tax-xogħol u jibgħathom fuq lant ieħor. Bħala makkinarju għandu *scarrifier* u *compactor* u s-*suppliers* ta' l-*asphalt* huma Polidno Bros u Bitmac.

Rigward l-*work method,* s-Sur Spiteri spjega li hu jqaxxar u jnaddaf il-*potholes* u meta jkun lesta madwar nofs ix-xogħol ta' tqaxxir, jibda jagħmel l-*hot asphalt*. Is-Sur Spiteri qal, li hu jagħmel emfasi fuq l-indafa u għamel referenza għax-xogħlijiet li hu kien għamel f'Tas-Sejba l-Mqabba.

Fir-rispett ta' xogħlijiet ta' bankini, hu għamel referenza għax-xogħlijiet li għamel kemm fil-Ħamrun kif ukoll, f'Pembroke fost l-oħrajn u qal li fl-eventwalita' li x-xogħol ma jkunx tajjeb, hu stess jiddeċiedi li jerġa' jagħmlu.

Għall-mistoqsija tas-Sindku jekk għandux kuntratt mas-*suppliers* ta' l-*asphalt* li kien għadu kemm semma, s-Sur Spiteri wieġeb fin-negattiv, iżda qal li hu dejjem ħadem magħhom.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha għad-diskussjoni, l-Kunsill Lokali rringrazzja lis-Sur Spiteri għan-nom ta' *J & K Contractors*.

Il-laqgħa ntemmet fl-12.10 p.m.

Matul ir-*resume* li sar b'eżitu tal-kumment tal-Kunsillier Joe Camilleri li fl-opinjoni tiegħu ma huwiex l-aħjar metodu li tqaxxar u timla mill-ewwel għaliex il-bażi ma tkunx qagħdet, il-Perit Joe Bugeja spjega li l-alternattiva għal dak li qal l-Kunsillier kienet, li l-kuntrattur jrid jkun kapaċi jissolida, jimla u jagħmilha bis-*surcharge* (jiġifieri dar il-ħmar) għaliex biż-żmien din tiġi *compacted street level*.

---

**Sur John Fenech għan-nom ta' *Ell's Urban Services LTD* – 12.20 p.m.**

Bħalma għamel fir-rispett taż-żewġ laqgħat ta' qabel, is-Sindku Chris Bonett introduċa s-suġġett lis-Sur Fenech u stieden lill-Perit iressaq il-mistoqsijiet tiegħu.

Il-Perit ressaq l-istess mistoqsijiet lis-Sur Fenech, jigifieri x'inhu r-*response time*, kemm għandu mpjegati, x'tip ta' makkinarju għandu, s-*supplier* ta' l-*asphalt* u l-*work method.*

Is-Sur Fenech wieġeb, li hu ilu f'dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar 15 –il sena, jispeċċjalizza f'xogħlijiet ta' *patching* u jaħdem ma' diversi Kunsilli Lokali fosthom Mosta, Zurrieq, Pembroke, Raħal Ġdid, Swieqi, Mqabba, Pembroke eċċ. Hu kompla jgħid, li ħlief b'eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Swieqi, hu qatt ma tilef kuntratt u fir-rispett ta' din il-lokalita' dan kien sar minħabba l-fatt, li kien hemm sottomettent li s-sottometta offerta orħos minn tiegħu. Ir-*response time* tiegħu kien immedjat għaliex hu, flimkien mal-ħaddiema tiegħu, li b'kollox qedgħin erbgħa, dejjem iduru minn lokalita' għal oħra.

Rigward il-makkinarju hu qal, li għandu dak kollu meħtieġ għal xogħol ta' *patching*, jiġifieri *scarrifier, vibrator*, romblu u jekk ikun meħtieġ, c-Centr*al Asphalt* li hu s-*supplier* ta' l-*asphalt* tiegħu, jipprovdih bil-makkinarju neċessarju.

Fir-rispett tal-*work method* hu qal, li r-*response time* kien immedjat u dan minħabba l-fatt, li kif spjega aktar 'il fuq hu u n-nies tiegħu dejjem iduru minn lokalita' għal oħra. Hu

kompla jgħid, kif ix-xogħol jiġi *sealed* dak il-ħin stess għaliex hu jqatta', jqaxxar u jimla dak il-ħin stess.

Għall-mistoqsija tas-Sindku jekk għandux kuntratt mas-*supplier* ta' l-asphalt li kien għadu kemm semma, s-Sur Fenech wieġeb fin-negattiv, iżda qal li hu dejjem ħadem miegħu, b'eċċezzjoni ta' meta kien hemm żmien li l-*asphalt* ma kienx tajjeb.

Għall-mistoqsija tal-Perit dwar il-fatt li *item* 2 hu d-doppju t'*item* 1 fir-rispett tar-rati tal-*patching*, is-Sur Fenech wieġeb li r-rati sottomessi jaħdimhom il-Perit tiegħu u sa 0.99 *cms* ir-rata applikabbli hi t'*item* 1 minħabba li din hi l-*base rate*. Hu spjega li huma jqattgħu fejn ikun immarkat mill-Perit tal-Kunsill u ma jkabbrux fuq il-*patch* sakemm ma jkunx inevitabbli.

Wara li ġew eżawriti l-punti għad-diskussjoni, l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Fenech għan-nom ta' *Ell's Urban Services LTD.*

Il-laqgħa ntemmet fl-12.30 p.m.

<u>***Resume*** **tat-tliet laqgħat u rakkomandazzjoni għall-laqgħa tal-Kunsill**</u>

Is-Sindku Chris Bonett talab lill-membri preżenti jagħtu l-preferenzi u r-raġunijiet tagħhom:

- **Perit Joe Bugeja**

Il-Perit qal, li hu jżomm mar-rakkomandazzjoni mogħtija minnu sakemm il-Kunsill ma jiddeċidiex li jibda jaqsam il-*patches* għall-massimu ta' 0.99 *cms* minħabba l-fatt, li f'dan l-aspett *Ell's Urban Services LTD* huma oħros b'€ 0.04 fuq *J & K Contractors*. Madanakollu, fl-eventwalita' li s-sejħa għall-offerti tkun mirbuħa minn *J & K Contractors,* dan irid ikun sorveljat kontinwament sakemm tindara' l-*work method* filwaqt li rigward *Polidano Bros* il-Perit qal, li m'hemmx dubbju li hu l-aktar sottomettent armat kemm mill-att ta' makkinarju kif ukoll, bħala riżorsi umani madanakollu, hu strutturat għal xogħlijiet ta' kobor ferm aktar minn natura tax-xogħol li din is-sejħa għall-offerti titlob.

- **Kunsillier Anthony Abela**

1. J & K Contractors
2. Ell's Urban Services LTD
3. Polidano Bros

Ir-raġunijiet ta' preferenza lil *J & K Contractors* fuq *Ell's Urban Services LTD* kienet minħabba li dan ta' l-aħħar għandu ftit nies filwaqt li ma jaqbilx li x-xogħol jingħata lill-

*Polidano Bros* minħabba l-fatt, li għat-toroq ta' din il-lokalita' għandu makkianrju wisq kbir kif kien aċċenna aktar qabel fil-laqgħa.

- **Viċi-Sindku Dunstan Attard**

1. J & K Contractors
2. Polidano Bros
3. Ell's Urban Services LTD

Hu spjega li r-rakkomandazzjoni tiegħu kienet a bażi tal-punti hawn taħt mressqa:

a. jiġi vverifikat l-aspett tekniku tal-*J & K Contractors* li ta' l-impressjoni li hu aktar iffukat fuq *patching* milli bankini

b. l-Kunsill jerġa' jivverifika mal-Kunsilli fejn ħadem

c. *Polidano Bros* aktar strutturat għal *resurfacing* milli *patching*

d. Jaqbel mal-kumment li *Ell's Urban Services LTD* għandu wisq ftit nies u dan kien qed jgħidu in vista taż-żmien tax-xitwa meta jkun l-aktar żmien fis-sena li dan it-tip ta' xogħol ikun rikjest u għalhekk il-kuntrattur ikun *under pressure*.

- **Kunsillier Joe Camilleri**

1. J & K Contractors
2. Polidano Bros
3. Ell's Urban Services LTD

Is-Sur Camilleri qal, li filwaqt li jaqbel mal-kummenti mressqa madanakollu, hu emfasizza li jeħtieġ li ssir l-verifikazzjoni fuq il-kuntrattur *J & K Contractors* u min għamel ix-xogħlijiet f'Pembroke minħabba l-fatt, li kemm *J & K Contractors* kif ukoll, *Ell's Urban Services LTD* qalu li jaħdmu f'din il-lokalita'.

- **Sindku Chris Bonett**

1. J & K Contractors
2. Polidano Bros
3. Ell's Urban Services LTD

Is-Sindku qal, li wara li sema l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' kulħadd, qabel mar-*ranking* hawn fuq imsemmija u għalhekk, kien qed jinforma li sabiex jissalvagwardja l-interess tal-Kunsill Lokali kien ser jerġa' jagħmel kuntatt ma' dawk il-

Kunsilli fejn qal li ħadem il-*J & K Contractors*, għalkemm skont l-ewwel kummenti li kellu mill-eks Sindku tal-Ħamrun, dawn kienu pożittivi ħafna.

Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni minn dan il-kumitat *ad hoc* iffurmat mis-Sindku Chris Bonett, l-Kunsillier Anthony Abela flimkien mal-Perit Joe Bugeja kienet

1. **J & K Contractors**

2. **Polidano Bros**

3. **Ell's Urban Services LTD**

**N.B. – L-osservaturi l-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillier Joe Camilleri qablu wkoll, ma' din ir-rakkomandazzjoni.**

**Il-laqgħa ntemmet fis-1.15 p.m.**

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekettiv